MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 720/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**BRIAN GALEA**

**(ID: 102484M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **BRIAN GALEA, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102484(M)** gie akkuzat:

1. Talli fil-perjodu qabel l-14 ta' Jannar 2013, f'dawn il-gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b' xi mod li kien, bghabas, nehha, biddel, jew ghamel numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta' jew fuq vettura bil-mutur, u cioe', wahhal parti ta' vettura ma' parti ta' vettura ohra tal-mudell Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni DZI-802 bil-konsegwenza li l-vettura spiccat b' zewg numri tax-chassis differenti;

2. U talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal, biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe', xtara parti minn vettura tal-mudell Peugeot 307 li kienet misruqa;

3. U aktar talli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet xi haga misruqa jew haga mehuda b' qerq jew akkwistat b' reat, naqas li jgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u fedina penali tal-imputat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**Stephen Cachia** xehed fit-29 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li huwa qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta. Huwa gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot 307 numru ta' registrazzjoni DZI-802. Huwa qal li din l-vettura hija ta' kulur griz u hija registrata f'isem Brian Galea detentur tal-karta tal-identita numru 102484M u ilha rregistrata fuq ismu mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena 2009 u sa dakinhar li xhed kienet ghadha hekk rregistrata.

Huwa gie mitlub jaghti x-chassis number ta' din l-istess vettura u fil-fatt qal li dan huwa VF33CRHYB82286453. Huwa esebixxa dokument ghall-fini tal-istharrig illi huwa ghamel u gie mmarkat bhala dokument ADT.

**George Farrugia** xehed fit-29 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa n-numru ta' Maggur 1460 fil-Korp tal-Pulizija u kien stazzjonat CID fuq inspections tal-karozzi. Nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) gew mitluba sabiex jaghmlu spezzjoni fuq numru ta' vetturi li kienu jinsabu gewwa garaxx f'barriera hdejn l-akwati tal-Mekek, San Gwann u din it-talba kienet saret mill-Ispettur Darren Buhagiar. Qal li fost karozzi li huma ezaminaw kien hemm Peugeot 307 u qal illi mid-dokumentazzjoni li kienet moghtiha lilhom rrizulta li n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura kien DZI-802. Wara li saret spezzjoni n-numru tax-chassis stampat

fuq il-magna u tal-*makers plate* kienu jaqblu mad-dokumenti li gew prezentati lilhom mill-imputat li huwa gharaf fl-Awla bhala Brian Galea pero' l-isticker li kien hemm taht il-windscreen kien jghajjat chassis number iehor u meta sussegwentement iccekjaw x-chassis number li kien hemm miktub taht il-windscreen tramite l-Interpol irrizultalhom li kien jappartjeni lill-vettura misruqa. Huwa qal li dana kien jghajjat ukoll lill-karozza Peugeot.

**L-Ispettur Darren Buhagiar** xehed fit-29 ta’ Mejju, 2014 fejn esebixxa l-istqarrija originali rrilaxxata mill-imputat liema dokument gie mmarkat bhala dokument Z u d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali li giet mmarkat bhala dokument X.

**PC 320 Chris Parnis** xehed fl-1 ta’ Lulju, 2014 fejn iddikjara li fl-erbatax (14) ta' Jannar, tal-elfejn u tlettax (2013) huwa gie moghti struzzjonijiet bhala parti mill-police work tieghu sabiex imur gewwa garaxx San Gwann u jigbed numru ta' ritratti ta' log book u ta' karozza li kienet tinsab f' dan il-garaxx u kienet fi stat li qed iduruha. Qal li fil-fatt kienet bla spray u kienet bl-under coat. Huwa iccekja l-engine number u x-chassis number ta' din l-istess vettura li ma kelliex r-registration tal-pjanci fuqha u dakinhar tas-seduta kien f'pozizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni tieghu maghmula ai fini ta' dan l-inkarigu. Din ir-relazzjoni gie mmarkata bhala dokument PS.

Qal li waqt dan ix-xoghol kien prezenti l-imputat li huwa gharaf fl-awla bhala Brian Galea. Mistoqsi x'irrizulta mill-ispezzjoni li huwa ghamel qal illi c-chassis number li kien ippancjat fuq ix-shock absorber kien jaqbel mal-log book, il-pjanca kienet ukoll taqbel mal-log book pero' ix-chassis

number li kien imwahhal mad-dash board ma kienx jikkorrispondi mal-log book u dan ifisser li kien hemm tibdil fil-karozza.

**L-Ispettur Darren Buhagiar** xehed fl-1 ta’ Lulju, 2014 fejn qal li l-Pulizija kienet nizlet go barriera minhabba li kien hemm suspett li kien hemm zewg karozzi li nstabu li kienu misruqin. Minn hemmhekk imbaghad kienu ltaqghu mal-imputat Brian Galea wara li kienu kelmuh ghax l-imputat jahdem ta' panel beater f' din il-barriera fejn kellu garaxx go din l-istess barriera u hemmhekk saret din l-ispezzjoni fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013).

L-ispezzjoni saret minn Maggur SM 1460 George Farrugia, PC 320 Chris Parnis, PC 1166 Luca Grasso u mill-Ispettur Darren Buhagiar. Nizlu go dan il-garaxx li kien jismu 'Dizzy Garage'. Go dan il-garaxx sabu seba' (7) vetturi fosthom Peugeot 307, Toyota Starlet, Land Rover, Mazda RX7, Renault Megane, BMW u Peugeot 607.

Il-Peugeot 307 kienet ipparkjata fuq in-naha ta’ wara ta' dan il-garaxx u meta bdiet l-ispezzjoni l-Maggur George Farrugia gibed l-attenzjoni lill-Ispettur Buhagiar li meta kien qed jara x-chassis number li kien fuq ix-shock absorber kien qed jikkorrispondi mal-log book mentri x-chassis number li kien qed jidher mal-wind screen fuq in-naha tal-lemin tan-naha t'isfel ma kienx qed jikkorrispondi mal-log book. Dak il-mument kellu jarresta lill-imputat u tah id-drittijiet tieghu. Apparti minn hekk meta saret l-ispezzjoni fuq il-vetturi l-ohra ma nstab li kien hemm xejn hazin. Iccekjaw il-log book u rrizulta li din il-vettura kienet registrata fuq l-imputat fid-29

ta' Settembru elfejn u disgha (2009). Kopja tal-log tal-vettura gie mmarkat dokument DB.

Meta saru iktar checks fuq din il-vettura rrizulta li dak ix-chassis number li kien imnizzel fuq il-wind screen kien jikkorrispondi vettura ma’ ohra li kienet irrappurata misruqa li fil-fatt kienet Peugeot 307 ukoll imma kienet irrappurtata misruqa fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju, elfejn u ghaxra (2010) minn certu wiehed Brian Godfrey Bartolo.

Brian Godfrey Bartolo kien gie ikkuntattjat u mar l-ufficju u kien ikkonferma s-serqa tal-CID fejn ittehditlu stqarrija, liema stqarrija giet immarkata bhala dokument Z.

Din il-Peugeot 307, l-imputat qal li xtraha minghand Sinclair Cauchi wara li kienet involuta f' incident u kien biddlilha hafna parts minna go fiha. Meta kien ikkonfrontat ghalfejn kellha zewg (2) chassis numbers differenti qal li dik il-bicca fejn kien bidel fejn kien hemm dak ix-chassis number li ma jikkorrispondiex mal-log book kien xtraha minghand certu wiehed Michael ix-Xelinu flimkien ma' hafna parts iktar.

Meta l-imputat gie mistoqsi ghalfejn kien xtrahom minn hemm u ma kienx xtrahom minn x'mkien iehor qal li ghaliex huwa l-aktar wiehed vicin tieghu biex jixtri l-body parts. Meta kien mar ghand Michael, dan kien qallu biex imur il-gurnata ta' wara u jaqdih ghal parts minghajr problemi. Il-gurnata ta' wara l-imputat mar u ha vann mieghu u ghabba l-parts tat-307 li kellu

bzonn minghajr ma staqsieh ghall-ircevuta u ghall-origini tal-parts minn fejn gew.

Meta l-imputat gie mistoqsi kemm hallas ghal parts, qal li ma jiftakarx u lanqas seta' jaghti stima. Meta l-imputat gie mistoqsi jekk kellux *budget* f'mohhu kemm tista' tigih huwa qal li ma jzommx karti u jinsa. Kien qal li lil Michael kien ilu jafu tmien (8) snin imma ma kienx jaf li dan certu Michael jixtri affarijiet misruqin, parts misruqin ghalkemm huwa rinomat ghal dawn l-affarijiet.

Meta l-imputat gie mistoqsi biex jikkonfronta lil Michael ix-Xelinu minn fejn xtara l-parts, l-imputat baqa' jirrifjuta u qal li jibza' jikkonfrontah minhabba l-karattru ta' Michael.

**Il-Qorti** fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Lulju 2014 hatret lil Vincent Falzon sabiex jaghti deskrizzjoni u stima tal-vettura Peugeot 307 bin-numru ta' registrazzjoni DZI 802.

**PC 1166 Luca Grasso** xehed fit-28 ta' Lulju, 2014 fejn qal li huwa gie moghti struzzjonijiet sabiex jaghmel inspection gewwa garaxx li jinsab San Gwann f'area maghrufa bhala Tal-Balal. Huwa mar hemmhekk flimkien ma' PC 320 Chris Parnis u fuq il-post innutaw li kien hemm Peugeot numru tal-mudell 307, numru ta' registrazzjoni DZI-802 li kienet qeghda fuq in-naha ta' wara tal-garaxx u b'mod partikolari ghamlu spezzjoni fil-compartment tal-magna taghha proprja fejn kien hemm chassis number u meta ghamlu paragun bejn ix-chassis number li kien hemm stampat fuq il-vettura u dak

li kien hemm stampat fil-Log Book kien hemm diskrepanza ta' zewg numri. Tal-engine compartment kien bhal tal-Log Book pero' dak li deher fuq il-windscreen kien differenti. Fil-fatt dak kien jghajjat karozza ohra li effettivament irrizulta li kienet misruqa. Huwa kkonferma li l-imputat kien prezenti waqt din l-ispezzjoni.

Il-Qorti fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Lulju 2014 tat provvediment dwar il-Prima Facie.

Fis-seduta tas-sebgha (7) t'Ottubru 2014 id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' bhala xhieda lil PS 985 Stephen Pace rigward l-istqarrija tal-imputat u lil PC 494 Robert Ebejer u lil PC 18 Christian Mifsud rigward id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-10 ta’ Novembru, 2014 (fol. 48) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fit-12 ta’ Marzu, 2015 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Vincent Falzon** xehed fis-27 ta’ Novembru, 2014 wara n-nomina tieghu b'digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta’ Lulju, 2014 sabiex jispezzjona vettura tal-ghamla Peugeot 307 tat-tip Hatch Back numru tar-registrazzjoni DZI-802 proprjeta' tas-sur Brian Galea. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni giet esebita u mmarkata bhala dokument BG. Huwa kkonferma l-

kontenut ta' din ir-relazzjoni u kkonferma ukoll illi r-ritratti annessi mar-relazzjoni gew mehuda minnu.

Minn ezami ta' din ir- relazzjoni jirrizulta li verament din il-vettura kellha diversi partijiet neqsin u kif del resto qal l-imputat kienet qed titi trangata u li kienet ilha zmien tistenna li isir xi *spray painting* fuqha tant li instabet bl-*under coat* fuqha .

**Brian Galea** kien irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* ta' l-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija esekuttiva, liema stqarrija tinsab esebita fl-attti a fol. 19 markata bhala dok Z. (Ezami ta' dan il-log book juri li effettivament

dak li qal il-Maggur SM1490 George Farrugia Farrugia dwar il-partikolaritajiet tal-vettura huma kollha korretti).

F'din l-istqarrija l-imputat jaqbel ma' dak li gie mistoqsi fis-sens li nhar l-14 ta' Jannar 2013 il-pulizija marret fil-garage tieghu maghruf bhala Dizzy Garage u ghamlet perkwizizzjoni fil-presenza tieghu u spezzjonat seba' vetturi. Mistoqsi jispjega kif fuq il-vettura tal-ghamla Peugoet 307 li huwa kellu fil-garage tieghu u li kien qed jirrestawra kien hemm windscreen li kellu fuqu numru ta' chassis differenti mix-chassis tal-vettura, u minn verifiki li ghamel l-Ispettur irrizultalu li dan il-*windscreen* kien misruq, jghid li huwa kien xtara il-Peugeot b'daqqa kbira fuqha fis-sena 2009 minghand Sinclair Cauchi u in segwitu kien biddel hafna parts taghha.

Mistoqsi jispjega kif hemm numru ta' chassis differenti fuq din il-parti jghid li huwa kien biddel dik il-part u l-part kien xtraha minghand wiehed maghruf bhal Mikiel ix Xelinu. Jispjega li kien mar ghandu u talbu xi parts u dan qallu li kien ser jaqdih u mar l-ghada ghalihom u ghabbihom f'van tal-ghamla Opel Astra. Mistoqsi ghaliex kien mar ghand dan Michael ighid li kellu l-hanut fil-vicin u kien l-ewwel post li sab. Jghid li kien ilu jafu madwar tmien snin, cioe' kemm kien ilu jahdem fil-garage. Mistoqsi jekk kienx jaf li dawn il-parts li xtara kienu msiruqa, jghid le la ma kienx jaf. Mistoqsi jekk talabx ghal xi ricevuta, jghid li ma talabx ghaliex peress li l-parts kienu ghalih ma kellux ghalfejn jigbor ricevuta. Jghid li bi traskruagni tieghu normali li ma jitlobx ricevuta. Mistoqsi jekk hallass ghal dawn il-parts jghid li ma jiftakarx u mistoqsi meta kien l-ahhar li xtara minghandu jghid li kien xi xahar qabel ma gie interrogat meta xtara bicca plastic ghal Pajero u hallas bejn erbghin (€40) u sittin (€60) Ewro.

Jghid li huwa kellu ukoll xi negozju ma certu' Edward Zahra maghruf bhala id-Dajdu fis-sens li dan Zahra kien igiblu l-karozzi sabiex jirrangahomlu . Mistoqsi jekk kienx jaf li dawn il-vetturi li kien johodlu id-Dajdu kienux ikunu gew akkwistati b'reat, jghid li ma jafx b'dan. Mistoqsi jekk jiccekkjax ix-chassis numru ta' dawn il-vetturi mal-log book taghhom jghid li le u lanqas ma jzomm record tal-karozzi li jaghmel. Mistoqsi kif ghandu n-numru tat- telefon ta' Marlon Zarb jghid li jafu ghaliex kien icempillu fuq vettura tal-ghamla Peugoet 607 proprjeta' ta' Edward u isaqsih dwarha ghax kien interessat li jixtriha.

Brian Galea xehed *viva voce* fil-Qorti nhar it-12 ta' Marzu, 2015 fejn gie mistoqsi jekk jiftakarx li kien baghat ghalih l-Ispettur fuq xi nvestigazzjoni.

Huwa wiegeb li jiftakar u jiftakar ukoll li kien offrielu biex huwa jkun assistit minn avukat u huwa kien irrifjuta tali assistenza. Huwa jaf ukoll li l-Ispettur kien tah id-dritt li ma kellux ghalfejn iwiegeb ghad-domandi pero' cio nonostante wiegeb u dan ghaliex ma kellu xejn x'jahbi.

Spjega li jahdem bhala sprayer f'garaxx gewwa barriera ma' genb garaxxijiet ohrajn u fil-fatt jekk mhuwiex sejjer zball hemm xi hamsin garaxx. Huwa kkonferma li l-Pulizija ghamlu xi tfittxija wkoll f'zewg (2) garaxxijiet ohra li ghandu flimkien ma' missieru gewwa l-Mosta u ma sabu xejn irregolari, pero' fil-garaxx fejn jahdem kienu sabu *sticker* fuq *dashboard* li hija hazina. Din hija *sticker* li titwahhal bil-kolla u mhix kwistjoni ta' *engraving*.

Mistoqsi jekk effettivament din l-isticker twahlitx minnu jew le wiegeb li m'ghandux idea. Huwa jaf li din il-part kienet inxtrat minn xi mkien u kienet impoggija mal-karozza ghaliex il-karozza ma kinitx ghadha lesta. Id-dashboard fil-fatt kien jinqala' u kien maqlugh. Mistoqsi jekk effettivament iccekkjawx ix-chassis number tal-Peugeot in kwistjoni qal li iva l-Pulizija fil-fatt girfuh, barxuh bis-sand paper, iccekkjaw l-*engine number* u kollox kien jaqbel mal-log book ta' dik l-istess vettura. Mistoqsi kemm kien xtara d-*dashboard* wiegeb li ma jiftakarx pero' kien xtrah b'mod regolari kif kien fis-suq u ma xtrahx minn xi post imwarrab.

Mistoqsi fejn hu l-garaxx ta' Michael ix-Xelinu wiegeb li hu vicin tieghu u fil-fatt l-ewwel ma jmur biex jixtri l-parts imur ghandu. Pero' m'huwiex cert jekk effettivament xtrahx minghandu u dan ghax il-karozza kellha bzonn diversi parts u kien xtara parts minghandu u parts minghand haddiehor.

Effettivament kien hemm iktar minn dashboard wiehed meta’ huwa mar jixtri u kien ghazel l-ahjar wiehed. Huwa kien hallas xi mija u hamsin ewro (€150) ghal dan id-dashboard. Dak kien il-valur reali dak iz-zmien. Huwa sostna li dan kien xtrah b'mod normali u qal li kieku kien hazin jimmagina li kienu javzawh.

Ikkonferma mill-gdid li kien ilu jaf lil Michael ix-Xelinu ghal diversi snin kemm ilu jahdem fil-barriera, disa' (9) snin ghaxra (10) zgur. Mistoqsi jekk qattx kellu xi jghid ma' Michael ix-Xelinu wiegeb li iva kien hemm xi zmien qabel ma kien gie arrestat li kellu xi jghid mieghu  pero' qabel qatt ma ra xi ghajn hazina minnu u kien jixtri minghandu b'mod regolari. L-argument li kellu ma' Michael ix-Xelinu m’ghandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawza, fuq irkant fejn kienu qeghdin tnejn (2) jibbiddjaw fuq karozza fejn hu ppretenda li m’ghandhomx jibbiddjaw it-tnejn (2).

Mistoqsi kif kien hemm din l-isticker fuq id-dashboard li kienet differenti mil-log book jghid illi ma jafx, jaf illi l-isticker hija wahda li tinqala' b'mod facilment u li kieku kien jaf li hija hazina zgur li kien jaqlaghha jew jirrapporta. L-imputat iddikjara li huwa kien xtara l-Peugeot 307 minghand persuna maghrufa bhala Sinclair Cauchi u fil-fatt pprezenta l-ftehim li kellu ma' dan Sinclair Cauchi li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. F'dan il-ftehim hemm ukoll il-prezz tal-vettura in kwistjoni.

Mistoqsi kif effettivament kien isir il-bejgh li kien jaghmel minghand Michael ix-Xelinu wiegeb li huwa kien imur ghandu, jara x'ghandu, jara x'jghodd ghalih u jixtri l-parts li jkollu bzonn. Huwa l-parts kien ikollu bzonnhom kemm ghalih kif ukoll ghall-klijent tieghu. Il-prezzijiet kienu

jkunu dawk normali li jkun hemm fis-suq. Mistoqsi jekk ghandux ricevuta tad-*dashboard* li kien xtara wiegeb li jista' jkun li kellu pero' llum il-gurnata jahseb li ntremiet. Mistoqsi jekk jafx xi persuna maghrufa bhala d-Dajdu jghid li jafha ghax huwa klijent regolari tieghu fis-sens li jisprejjalu l-karozzi.

L-imputat qal ukoll li effettivament kien sahansitra anke sab xi nies jisirqu, fosthom Marlon, u kien indikahom lill-Pulizija. Huwa jaf illi qabel ma qabdu jisraq kien jigi regolari l-garaxx ghaliex kien se jixtri karozza minghand id-Dajdu, kien qed jigi biex jara l-karozza li kien se jixtri. Fil-*phonebook* tieghu ghandu klijenti,  nies tax-xoghol u ghandu minn fejn jixtri l-parts u affarijiet ohrajn.

Mistoqsi x'kienet l-istorja tal-Peugeot 607 wiegeb li kienet ghandu ghax kien ha jisprejjaha u kien qed jixtriha dan Marlon stess. Huwa ghall-*body parts* jixtri mhux minghand ix-Xelinu biss izda minghand kulhadd. Jiftakar li l-Pulizija ghall-ewwel kienu kellmuh jum is-Sibt u gew jaghmlu l-investigazzjoni t-Tnejn u ghalhekk kieku kellu xi suspett li setghet kienet hazina seta’ qalaghha f'dak il-perjodu wkoll, pero' huwa halla kollox kif kien u dan ghaliex fil-fehma tieghu ma kellu xejn x'jahbi.

L-imputat ikkonferma li huwa ma jahdimx biss bhala *sprayer* izda jahdem ukoll bhala tellar. Huwa kien jixtri minghand Sinclair diversi karozzi. Huwa minnu li l-vettura in kwistjoni kellha bzonn diversi tiswijiet. Din il-karozza kellha bzonn diversi parts, il-genb kollu, is-saqaf u gewwa. Huwa minnu li huwa kien biddel il-parti tad-dashboard fejn fuq l-isticker instab in-numru tax-*chassis*. Din l-isticker tinqala' bil-kolla normali u jekk huwa jixtri l-oggett gdid minghand l-agent ma jkunx fiha din l-isticker, ghax hija sticker

printed. Huwa jghid li jista' jkun illi sticker li kien hemm fuq din il-part inharget mill-fabbrika, pero' tista' tinbidel ghax titwehhel bil-kolla. Din ma jkollha l-ebda *security feature* ghax hija sticker biss.

Huwa sostna li kieku kien jaf illi kellu jiccekkja fuq din l-isticker kien jew jaqlaghha jew jirrapporta. Huwa kkonferma li ma xtaqx jikkonfronta lix-Xelinu peress li kellhom xi jghidu ftit qabel, u ghaliex fuq din il-bicca mhux cert li effettivament kien xtraha minn ghandu. Pero' huwa kkonferma li mhux qed jibza' minnu pero' xtaq inaqqas il-kuntatt li kellu mieghu minhabba l-argument li kellu qabel.

**Sinclair Cauchi** xehed fit-23 ta’ April , 2015 u muri id-dokument esebit fl-atti a fol. 74 ighid li dik hija l-ircevuta li kien hareg hu dwar Peugeot 307. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern jghid li jafu u ilu jafu xi ghoxrin sena. Jghid li jaf ukoll lill-genituri tieghu u jafu bhala persuna ta’ kondotta tajba. Jikkonferma li l-bejgh ta’ din il-vetura kien wiehed normali u qatt ma kellu problemi ma l-imputat dwar xi negozju li huwa ghamel mieghu. Spjega li ix-chassis ikollu n-numru tieghu ‘*engraved*’ fil-hadid.

**Alison Debono** xehdet fit-23 ta’ April, 2015 u tghid li ilha taf lill-imputat ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u ilha f’relazzjoni mieghu tul dan il-perijodu ta’ zmien kollu. Ikkonfermat li l-imputa kien xtara il-vettura tal-ghala Peugeot 307 bin-numru ta’ registrazzjoni DZI 802 ghall-uzu taghhom personali u tghid li kull tant zmien kien jixtri xi parts ghaliha u joqghod jirranga fiha fil-weekends. Tghid li kienet tkun hdejh u kienet tarah jarmaha u kemm ilha taf lill-imputat dejjem taf li xtara affarijiet genwini pero’ qatt ma marret tixtri mieghu. Tghid li sa fejn taf hi dejjem xtara il-

parts bl-invoices relattivi taghhom. Hija ghandha vettura *two door* u qeghda tistenna tarbija gejja u ghalhekk ghandha bzonn il-vettura in kwistjoni ghax hija *four door*. Minn mindu ilha taf lill-imputat qatt ma taf li kellu xi problemi ma' terzi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat ghandu jinstab hati u dan ghaliex temmen li l-imputat kien jaf x'persuna hu Michael ix Xelinu u in oltre m'ghamilx il-verifiki necessarji meta xtara din id-dashboard. Min-naha l-ohra id-difiza issostni li l-imputat m'ghandux jinstab hati u dan ghaliex huwa xtara id-dashboard minghand pesuna partikolari u ma kellux ghalfejn jissuponi li din id-dashboard kienet gejja minn xi reat. In oltre id-difiza issottolinejat li l-prosekuzzjoni nqaset li tipprova il-provenjenza illegittima ta' din l-istess dashboard u ghalhekk zgur li r-reat ta' ricettazzjoni ma tistax tirnexxi u lanqas ma ipprovat li effettivament huwa minnu kif allegat bl-akkuzi moghtija mill-proskeuzzjoni li l-imptuat f'xi hin nehha, biddel jew ghamel nurmu ta' identifikazzjoni ta' chassis jew magna tal-vettura li kien differenti minn dak muri fil-log book. Id-difiza issostni ukoll illi galadarba l-imputat ma kienx jaf li id-dashboard seta' kellu xi origini illegittimu ma jistax jinsab hati tat-tielet akkuza, u cioe' li naqas li jgharraf lill-pulizija b'dan il-fatt fi zmien gimgha.

Ikkunsidrat:

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu is-segwenti:-

1. Illi l-pulizija nhar l-14 ta Jannar 2014 ghamlet perkwizizzjoni gewwa garage tal-imputat maharuf bl-isem Dizzy garage fil-presenza ta l-imputat.
2. Illi fost id-diversi karozzi li ezaminat sabet li kien hemm karozza tal-ghamla Peugeot 307 bin-numru ta’ registrazzjoni DZI 802 li kellha *dash board* li fuqu permezz ta’ sticker kien hemm indikat chasis number differenti mix-chassis number li kien hemm *engraved* fuq il-vettura.
3. Illi l-Ispettur ghalhekk arresta lill-imputat u investigah fuq dak li kien sab.
4. In segwitu’ il-pulizija, cioe’ l-Maggur 1460 George Farrugia ivverifika in situ l-*particulars* tal-vettura Peugeot 307 in kwsitjoni u kkonferma li kienu l-istess bhal dawk li jidhru fuq il-log book u ghalhekk ma sab xejn irregolari fir-rigward tal-karozza.
5. Illi l-pulizija f’din l-invetigazzjoni iffokat biss u unikament fuq dan id- *dash board*.
6. L-imputat *a tempo vergine* ta’ l-invstigazzjoni, u aktar tard fil-Qorti, ikkonferma li kien xtara dan *id-dash board* minghand Michael ix- Xelinu xi zmien qabel stante li kien xtara numru ta’ parts bil-ghan li joqghod jirranga din il-vettura, li skond l-gharusa tieghu Alison Debono kienet ser tkun vettura li ser tintuza minnhom bhala familja una volta li tasal it-tarbija taghhom fid-dinja, stante li din il-vettura ghandha erbgha bibien.
7. Illi l-pulizija pero’ ma ressqitx lil dan Michael ix-Xelinu jixhed sabiex jikkonferma jekk effettivament verament bieghx dan id-*dash board* lill-imputat u dan ghar-ragunijiet taghha, u ghalhekk ix-xhieda ta’ l-imputat ma gietx ikkontestata f’dan ir rigward.
8. L-imputat jghid ukoll li kien xtara il-vettura Peugeot 307 minghand certu Sinclair Cauchi skond ftehim esebit fl-atti u in efetti ressaq lil dan Cauchi biex jikkonferma dan il-fatt.

9. Jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, u cioe’ ta’ l-Ispettur Darren Buhagiar, li allegatament dan id-*dash board* kien jifforma parti minn serqa li saret antecedentement fuq Peugeot, pero’ prova dwar din is-serqa ma gabx xhieda.

Ikkunsidrat ulterjorment:

*In primis* jinghad illi huwa minnu illi persuna akkuzata mhuwiex tenut li jgib l-ebda prova u jmiss lill-Prosekuzzjoni li tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-akkuzat huwa hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu. L-akkuzat pero’ jista’, jekk irid, jaghti d-depozizzjoni tieghu u jgib il-provi

li jlahhqu dak il-livell tal-probbabilita’ biex jikkonvincu lill-Qorti li l-verzjoni tieghu hija aktar verosimili.

Ghaldaqstant hemm il-htiega li l-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha.

**l-ewwel akkuza - Tbaghbis, tnehhija, tibdil, jew li ghamel numru ta’ identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’ jew fuq vettura bil-mutur, u cioe’ wahhal parti ta’ vettura ma’ parti ta’ vettura ohra bil-konsegwenza li l-vettura spiccat b’zewg numri tax-chassis differenti.**

L-ewwel akkuza hija dik imsemmija fl-**artikolu 298D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, maghrufa bhala *“Tbaghbis, tnehhija, ecc., ta’ numru*

*ta'chassis jew makna*" li tinsab taht is-Sub titolu ta' Frodi u dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

"*Kull min, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, ibaghbas, inehhi,jbiddel jew jaghmel numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew ghall-multa ta' mhux inqas minn tliet mitt lira u mhux izjed minn elf lira jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien*".

Fir-rigward ta' din l-akkuza jinghad li l-imputat ma biddel l-ebda numru fix-chassis tal-vettura tal-ghamla Peugeot 307 bin-numru ta' registrazzjoni DZI 802, liema numru kien gie stampat mill-fabbrika u dan il-fatt ikkonfermah l-ufficcjal prosekutur waqt id-deposizzjoni tieghu. Illi l-prosekuzzjoni sostniet li effettivament in-numru li kien hemm fuq id-*dash board* imwahhal permezz ta' *sticker* kien differenti minnn dak muri fuq il-vettura. Fl-ewwel lok il-prosekuzjzoni ma gabet l-ebda prova dwar jekk verament kienx hemm zewg numri differenti, pero' oltre dan din il-Qorti temmen li dan l-artikolu ma hux intiz sabiex ikopri sitwazzjonijiet bhal dan izda huwa intiz sabiex juppunixxi lil dak il-malvivent li jbaghbas, ibiddel, inehhi jew jaghati identifikazzjoni differenti lil xi magna ta' vettura sabiex b'hekk ma tibqax tirrifletti il-partikolaritajiet kif registrati fil-log book taghha. Zgur li dan mhux il-kaz in desamina. Dan l-artikolu mhux intiz li bniedem ma jistax ikollu *parts* gejjin minn vettura ohra ghaliex kieku una volta karozza tigi dikajrata *write off* u/jew ta' *no economical value,* kieku l-parts it-tajbin taghha ma jinbieghux fis-suq u b'hekk ma jkollhiex *a wreckage value* u in oltre ma jkunx hemm *second hand parts*. Dan l-artikolu huwa intiz sabiex

hadd ma jbaghbas jew ibiddel ix- chassis number mahrug mill-fabbrika fuq vettura jekk mhux bl-awtorizazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Illi fil-kaz odjern il-fatt li l-imputat xtara *windscreen* li possibilment seta' kellu numru fuqu li ma jirriflettix in- numru tax-chasis kif muri fuq il-Peugeot 307 in kwistjoni, ma jammontax ghar-reat in desamina (ghalkemm jista' jammonta ghal reati ohra) u ghalhekk din il-Qorti mhix qed issibu hati tieghu.

**Tieni akkuza – Ricettazzjoni.**

Il-Qorti taghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Joseph Bugelli** deciza nhar l- 24 ta' Jannar 1941 fejn gie ritenut li:-

*"Ir-ricettazzjoni tikkonsisti f'att posterjuri ghad-delitt tas-serq jew reat iehor kontra l-proprjeta' u hija delitt ghalih u ma tirrivestix il-karattri tal-komplicita.*

*L-elementi tar-ricettazzjoni huma-*

*(i) Li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta'.*

*(ii)Li l-persuna akkuzata bhala ricettatur tkun irceviet jew xtrat l-oggett provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahal biex tezita jew tbiegh dak l-oggett.*

*It-tieni element jikkostitwixxi l-element materjali tar-ricettazzjoni.*

*Imma biex ikun hemm dak l-element hemm bzonn li l-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkoopera ruhhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux illi kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b'xi mod jigi facilitat l-okkultament ta' l-oggett misruq jew illegitimanet ottenut dan it-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni.*

*(iii) Li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza l-element materjali tar-ricettazzjoni"*

Illi ghalhekk qabel xejn il-prosekuzzjoni kellha l-obbligi li tipprova hi l-provenjenza ta' dan id-*dash board* li allegatament kellu provenjenza illegittima. Il-Qorti taghamel referenza ghax-xhieda ta' PS 1640 George Farrugia li jghid li saret spezzjoni fuq il-vettura Peugeot 307 proprjeta' tal-imputat u jghid li n-numru tax-chassis stampat fuq il-magna u tal-*makers plate* kienu jaqblu mad-dokumenti li gew prezentati lilhom mill-imputat li huwa gharaf fl-awla bhala Brian Galea, pero' l-isticker li kien hemm taht il-windscreen kien jghajjat chassis number iehor u meta sussegwentement iccekjaw ix-chassis number li kien hemm miktub taht il-windscreen tramite l-Interpol irrizultalhom li kien jappartjeni lil vettura misruqa. Huwa qal li dana kien jghajjat ukoll lill-karozza Peugeot. Il Prosekuzzjoni qed tibbaza il-provenzjenza illegali ta' dan id-*dash board* sempliciment fuq din il-prova

*sic et simplicite*. Il-Prosekuzzjoni la tghid minghand min, la tghid minn fejn u lanqas meta. Kien ikun ghaqli li kieku l-Ufficcjal Prosekutur ressaq bhala xhud l-allegat vittma ta' l-allegata serqa, jekk kien hemm. Jew addirittura jipprezenta l-atti tal-inkjesta, jekk inzammet wahda, jew l-okkorrenza relattiva jew f'kaz li verament irrizulta li nsterqet tramite l-assistenza tal-Interpol, xi dokumentazzjoni f'dan ir-rigward. Izda l-Prosekuzzjoni zgur li kellha l-obbligu li tressaq provi konvincjetni sabiex tipprova l-origini doluza ta' dan l-oggett immobbli.

Ghalhekk huwa pwerili f'dan l-istadju li din il-Qorti titkellem dwar ix-xjenza li jrid ikun hemm da parti ta l-imputat ghall-kommissjoni ta' dan ir-reat, u dan ghaliex dan l-element huwa sekondarju ghal prova tal-origini kriminuza ta' l-oggett li allegatament giet ricettat.

Konsegwentment din it-tieni akkuza ukoll ma tirrizultax.

**It-Tielet akkuza - Meta wiehed jonqos li jgharraf lill-Pulizija dwar hwejjeg misruqa.**

Dan ir-reat kif previst fl-**Artikolu 334A tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, gie introdott fis-sistema legali taghna permezz ta' Att III tas-sena 2002 li jipprovdi s-segwenti:-

*" Kull min, malli jsir jaf li xi haga li tkun fil-pussess tieghu tkun haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, jonqos li jgharraf*

*lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta jkun hekk sar jaf, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa"*

Illi ghalhekk sabiex dan ir-reat jissussisti l-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat kellu fil-pussess tieghu haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, imbaghad wara una volta tipprova dan trid tipprova li kienet ghaddiet gimgha minn tali taghrif u ma rraportax l-oggett lill-pulizija esekuttiva. Issa fil-kaz in desamina stante li l-prosekuzzjoni ma pprovatx lanqas remotament li d-*dash board* mertu tal-kaz kien misruq jew mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, din l-akkuza zgur li ma tistax tirrizulta.

**Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 298D, 334 u 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>ma ssibx</u> lill-imputat BRIAN GALEA hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

Una volta din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai fini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------